# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Novembru - Diċembru 1984 Nru 21

## Il-Maħfra, il-Ħniena u l-Imħabba Għandhom Jirbħu fuq il-Vjolenza

**Minn Varsavja fil-Polonja, mill-kapitali Indjana New Delhi, Brighton fl-Ingilterra u Palermo fi Sqallija biex ma nsemmux inħawi oħra fid-dinja, f'dawn l-aħħar ġranet waslulna aħbarijiet ta' niket u sogħba li xejn ma jagħmlu ġieħ lid-dinjità tal-bniedem. Smajna u qrajna bi traġedji kbar u tal-biża', ġrajjiet koroħ li jwaħħxu; attentati ta' qtil, . . . tfiegħ ta' bombi. . . massakru fil-beraħ. . . straġi sħiħa! Vjolenza qerrieda. Donnu li l-bniedem issa tilef għal kollox ir-raġuni, qed iħalli l-passjoni tegħlbu, u qed jaġixxi agħar minn bhima.**

Sfortunatament anke f'pajjiżna bħalissa ninsabu mirfusa minn dan il-mostru ikrah tal-vjolenza. U bħal ma jiġri kull fejn dal-mostru jibda jerfa' rasu, f'Malta wkoll bdejna nassistu għal episodji suwed li qed itebbgħu l-istorja glorjuża tagħna. Tajjeb infakkru li n-nisrani m'għandu f'ebda ċirkostanza qatt jirrikorri għall-vjolenza, imma jagħraf il-ħtieġa li jkun korrett u mimli karità fi kliemu u f'egħmilu. Hemm bżonn nifhmu lkoll kemm aħna li billi wieħed jirrikorri għall-każi ta' vjolenza, tkun f'liema forma tkun, ma jkun qed jiġi solvut xejn, anzi għall-kuntrarju jkun hemm biss telf.

**Il-vjolenza fiha nfisha hi nġustizzja. U l-inġustizzji la jiġibu paċi u l-anqas sliem. Iġibu biss biża', inkwiet, ħerba u ħsara.**

**F'dan ir-regward igħoddu ħafna t-twissijiet li għamlulna l-mexxejja spiritwali tagħna meta tkellmu dwar il-vjolenza.**

**"Il-vjolenza dejjem hija ħażina, dejjem hija nġusta, dejjem iġġib il-biża', dejjem tkasbar drittijiet fundamentali ta' l-individwu u tas-soċjetà. Imma fil-vjolenza jista' jkun hemm anke agħar minn hekk. Meta l-vjolenza ma titrażżanx, meta titħalla tiżvoga f'vendikazzjonijiet dejjem akbar, meta tintelaq ħalli tkattar lilha nfisha, il-vjolenza ssir ideoloġija, pjan u programm". (Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca)**

**"Bħala nsara ma nistgħux ma nikkundannawx il-vjolenza ta' kull għamla, tiġi mnejn tiġi. In-nisrani li jrid jimxi fuq it-tagħlim ta' Kristu, mhux biss ma jibdiex hu l-vjolenza, iżda l-anqas iwieġeb għaliha bi vjolenza oħra. Fil-qalb tabilħaqq nisranija ma hemmx post għax-xewqa ta' vendetta. . . In-nisrani iżda għandu jaqta' din il-katina ta' vjolenza billi juża r-rimedju li għallimna Kristu, jiġifieri l-maħfra, il-ħniena u l-imħabba". (Mons Isqof Nikol Cauchi)**

## *Supplement Dwar* *IL-FESTA ĊENTINARJA*

*Id-Direzzjoni ta' din ir-rivista qegħda taħseb biex fi ftit żmien ieħor tippubblika Supplement ta' IL-BELT VICTORIA dwar il-Festa Ċentinarja ta' San Ġorġ Martri, li ġiet iċċelebrata b'sollennità kbira fi gżiritna din is-sena f'egħluq l-1700 sena mit-twelid tal-kbir Martri ta' Lydda. Dan is-Supplement se jagħti ħarsa lura lejn iċ-ċelebrazzjonijiet kbar li nżammu bejn April u Lulju li għaddew, liema ċelebrazzjonijiet laħqu l-qofol tagħhom nhar il-15 ta' Lulju, u għaldaqstant, għandu joffri l-isbaħ tifkira ta' dawn il-festi straordinarji.*

*Miġbura f'dan is-Supplement insibu, fost oħrajn, siltiet mid-diskorsi li saru, fosthom iż-żewġ omeliji tal-Kardinali Ursi u Rossi, l-Ittra Pastorali ta' Mons Isqof Cauchi, tagħrif dwar il-miġja fostna minn Ruma tar-Relikwija Mirakoluża tal-Qaddis, il-poeżija ċelebri "Splenduri" tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani li nkitbet għall-okkażjoni, taqsima dwar l-Akkademja Mużiko-Letterarja, l-attivitajiet ewlenin ta' l-aħħar ġimgħa tal-festa u għadd ta' ritratti.*

*Dan is-Supplement se jitqassam b'xejn lill-familji kollha tal-parroċċa kif ukoll lill-emigranti kollha Ġorġjani.*

*Kwalunkwe kontribuzzjoni, iżda, li wieħed jixtieq jagħmel, tkun ferm apprezzata.*

**Minħabba l-ħruġ ta' dan is-Supplement, il-ħarġa li jmiss ta' IL-BELT VICTORIA (Jannar-Frar 1985) mhix ser tiġi pubblikata. IL-BELT VICTORIA terġa' tkun magħkom regolarment mix-xahrejn ta' wara 'l quddiem.**

***NIXTIQULKOM ILKOLL IL-MILIED IT-TAJJEB U SENA ĠDIDA MIMLIJA B'KULL RISQ U BARKA TAS-SENA***

# IT-TWETTIQ TAL-ĠUSTIZZJA

*Jiktbilna* *Dr. Alfred Grech LL.D.*

Forsi l-ikbar kritika li qed issir f'pajjiżna lejn is-sistema ġudizzjarja hija li fil-Qorti tagħna hemm ħafna dewmien. Kritika li f'għajnejn il-poplu tista' tidher ġustifikata, iżda f'għajnejn min hu tekniku m'hijiex ħlief espressjoni ta' min ma jafx kif jaħdem il-proċess biex tinstab il-verità.

Bħal kull ħaġa oħra teknika, l-Amministrazzjoni tal-ġustizzja għandha l-metodu tagħha. Hemm ċertu mod kif isiru l-affarijiet, hemm ċertu regoli li jridu jiġu osservati. Altrimenti wieħed jispiċċa fil-kaos u mhux f'metodu ordinat kif tasal għall-verità. Min hu midħla ta' kif isiru l-laqgħat ta' xi kumitat jifhem id-differenza. Jew għandek ir-regoli li fuqhom jimxu l-laqgħat b'ċertu ammont ta' ordni inkella għandek laqgħat bla regoli li jiddeġeneraw f'geġwiġija ta' għajjat u tgħajjir mingħajr konklużjoni.

Il-metodu tal-Qrati tagħna huwa l-"proċess". Metodu li kien jintuża sa minn żmien ir-Rumani, u matul iż-żmien ġie żviluppat għal dak li nafuh illum. Kien hemm żmien ukoll fejn l-amminmistrazzjoni tal-ġustizzja flok imxiet il-quddiem marret lura u ħadet daqqa ta' ħarta, ħafna drabi minn min ma kienx kapaċi japprezza s-sottilezzi ta' x'kien involut. Bħalma llum hawn min mhux qed japprezza xi jfisser dak li fis-sistema Amerikana huwa magħruf bħala "due process", jiġifieri li bniedem ma jiġix ġudikat qabel ma jiġix mismuħ u jingħata l-faċilitajiet kollha li jiddefendi ruħu, ,inkluż ukoll li jkollu min jiddefendih. Illum f'pajjiżna, sfortunatament, hawn min irid igħid li l-proċeduri fil-Qrati huma ħela ta' żmien u flus il-poplu.

Ġara kemm il-darba fl-istorja li flok ma żviluppat, is-sistema ġudizzjarja, marret lura. Żmien l-Inkwiżitur, per eżempju, kien żmien ikraħ u qalil għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Illum nafu li kienet tintuża t-tortura sabiex tiftaħ ħalq dak li jkun u tinġieb ammissjoni ta' ħtija fejn altrimenti ma kienx ikun faċli jew kien possibbli li tinġieb. U llum nafu x'ħerba saret, kemm ħajjiet tneħħew bla ħtija inkella minn kull ħaġa oħra, barra l-ġustizzja. L-istess llum f'dawn il-pajjiżi fejn min jikkmanda jkun mgħaġġel wisq biex jeħles minn min ikun fis-saqajn għall-għanijiet li għandu.

Imma ħalli ma nitbiegħedx minn dak li ġegħlni naqbad il-pinna u nħarbex x'jnhu sewwa sew il-proċess quddiem il-Qrati. Meta ngħid proċess ma rridx infisser biss il-proċess ta' xi ġuri Kapitali, iżda kull proċess li jidher quddiem il-Qrati tagħna, sija jekk jitratta dwar xi reat Kriminali u sija jekk jitratta minn xi kawża bejn żewġ ċittadini privati.

il-filosfu Hegel kien ħoloq is-sistema tad-djalettika li biha hu ried jispjega r-realtà u l-veritajiet tal-ħajja. Kien ħaseb, u kellu raġun, illi f'dinja fejn kollox jitbiddel kontinwament, fejn jekk hawn xi ħaġa li ma tinbidilx hija l-bidla nnfisha, kif jista' wieħed ikun jaf minn qabel x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin? Dak li hu tassew minn dak li jidher? Kif wieħed jista' jgħid li dak li kien tajjeb mitt sena ilu għadu tajjeb illum, jew dak li huwa tajjeb għal Tizju huwa tajjeb ukoll għal Kajju; inkella dak li għandu jsir f'ċerti ċirkustanzi għandu jsir fiċ-ċirkustanzi kollha. Ir-realtà mhux ħlief ġlieda kontinwa, lotta,kuntrast ta' bejn idea u oħra, bejn forza u oħra. Mill-ġlieda tal-idejat toħroġ il-verità. Kull ideja li tipproponi (Thesis) għandek issib ideja oħra kuntrarja (anti thesis) u mill-konflitt ta' bejniethom, mill-eżami tat-tnejn, għandha toħroġ it-tajba (Synthesis). Hekk il-proċess fil-Qorti. Għandek l-attur (plaintiff) li jipproponi l-azzjoni, jiftaħ il-kawża. Għandek il-konvenut (defendant) li jirrispondi għall-azzjoni li ssirlu. Fil-proċess gudizjarju t-tnejn għandu jkollhom l-istess faċilitajiet u l-istess possibilitajiet biex jippreżentaw it-tesi tagħhom, il-każ tagħhom. It-tnejn għandu jkollhom avukat li bit-teknika u l-ħila jpoġġi l-każ quddiem l-Imħallef. L-Imħallef imbagħad irid jiddeċiedi, wara li jkun sema' ż-żewġ partijiet. Mill-konflitt taż-żewġ każijiet (tesijiet) kontradittorji, għandha toħroġ il-verità, għandha ssir il-ġustizzja. Aristotile kien qal li l-verità tinsab fin-nofs, u ħafna drabi ssib li f'kull kwistjoni l-verità qegħdha x'imkien fin-nofs, ħadd m'għandu r-raġun kollu u ħadd m'għandu t-tort kollu. Fejn ir-raġun jew it-tort huma ċari ma tantx ikun hemm lok għal ħela ta' żmien u spejjez f'kawżi.

Xi kultant biċ-ċajt ngħidu "kulħadd għandu raġun". U wieħed għandu jibqa' ċert li kull minn jidħol il-Qorti jippretendi li għandu raġun, tal-inqas xi ftit tar-raġun jekk mhux kollu. Mill-banda l-oħra, allaħares kulħadd ikollu raġun. Xi ħadd irid jirbaħ u xi ħadd irid jitlef fil-kawża. Kull parti tagħmel ħilitha. Imma fl-aħħar l-imħallef irid jiddeċiedi fejn qiegħed ir-raġun. U biex jagħmel dan, irid jisma' l-każ. Irid jagħti lil kull parti l-faċilità li tippreżenta l-każ tagħha, u tagħmel dawk il-provi li jinħtieġ li jsiru, u li huma permessi skond il-liġi.

Fl-andament tal-kawża jridu jiġu osservati r-regoli tal-proċedura. Ir-regoli tal-proċedura huma magħmulin b'mod li ebda parti ma jkollha vantaġġ fuq l-oħra. Ġieli waqt il-kawżi jqumu kwistjonijiet proċedurali, jiġifieri kwistjonijiet dwar kif għandha titmexxa l-kawża. Min ma jifhimx, jaħseb li l-avukati jaħlu ħafna ħin jitkellmu fil-vojt fuq affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mall-kwistjoni. Iżda ħafna drabi l-kwistjonijiet proċedurali jkunu delikati u importanti daqs il-kwistjonijiet tas-sustanza, jekk mhux aktar.Għaliex il-mod kif titmexxa l-kawża, il-mod kif isiru l-affarijiet fil-Qorti huwa importanti daqs dak li qed jiġi diskuss, daqs il-mertu tal-kawża nnifisha. Il-proċess irid jimxi tarġa tarġa, pass, pass. Qisu katina. Kull ħolqa sservi biex tgħaqqad il-kumplament tal-katina. Kull pass li jittieħed jinfluwenza dak li jiġi wara. Ma tistax tasal għal fini tajba bil-metodu ħażin. Għalhekk jekk il-metodu, jekk il-proċedura ma ssirx sew, il-fini mhux ser tintlaħaq. Il-ġustizzja ma ssirx.

Imbagħad niġu għall-mertu, għas-sustanza tal-każ. Kif ingħad, xi ħadd irid joħroġ iġorr għaliex ħareġ tellief. Alla jbierek, ħadd ma jieħu gost jitlef kawżi iżda f'pajjiżna xi ħaġa tal-għaġeb. Ma tistax tintilef kawża. Mat-tellief jeħel l-Imħallef, l-avukat, is-sistema ġudizzjarja u l-Liġijiet kollha tal-pajjiż. Ma jistax ikun li jirbaħ kulħadd. Xi ħadd irid ikun tellif f'kawża. U lanqas għandna niskantaw għaliex is-sentenza li tingħata ma tkunx iddoqqilna. L-ewwelnett, l-Imħallef jaqta' fuq dak li jkollu quddiemu, jiġifieri fuq il-provi li jinġiebu u fuq il-liwja li jkun ħa l-każ. Ħadd mhu perfett u l-imħallef mhux xi bniedem li l-għerf tiegħu bla qies. It-tieni nett, il-makkinarju tal-ġustizzja mhux xi sistema perfett li mingħajr xejn ma jiskappa. Hu sistema mħaddem mill-bnedmin għall-bnedmin u fi grad ta' perfezzjoni li jistgħu jaslu fih il-bnedmin.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

EDITORJAL

## Ftit ta' Rieda Tajba

Dalwaqt jinxteghlu d-dwal. Dalwaqt it-tfal imxenqa jwaħħlu mneħirhom mall-vetrini mimlija b'kull xorta ta' rigali, toys u logħob. Dalwaqt jinqatel id-dundjan u mill-kċejjen tibda ħierġa l-fwieħa ta' ħafna cejciet. Dalwaqt idejna jagħżlu, u jiktbu u jibgħatu elf kartolina bl-isbaħ xewqat lill-ħbieb u l-qrabat.

Kollox sew! Sa hawn ma hemm xejn ħażin! Iżda qatt ġibt quddiem għajnejk li dawn l-affarijiet kollha għaddejt minnhom kull darba li tfaċċa quddiemek il-Milied? Għid il-veru: x'ħallew fik dawn l-affarijiet kollha fl-imgħoddi? Naf x'ser twieġeb: Xejn, jew kważi xejn!!

Trid tgħaddi Milied Tajjeb? Trid li jkollok Milied li jservik għas-sena kollha sa Milied ieħor? Ara x'għandek tagħmel:-

***IFTAH BERAH IL-BIEB TA' QALBEK GHAL KRISTU***

- ***Tkunx bħal dawk in-nies ta' Betlem li, għax ma riedux jitwikkew b'Marija u Ġużeppi, għalqulhom il-biex f'wiċċhom.***

- ***Kristu qed iħabbatlek permezz ta' xi fqir, ta' tifel mill-Istitut, ta' ħabib tiegħek; iftaħlu, għinu.***

- ***Kristu qed iħabbatlek permezz ta' nies li jgħaddu minn għalik u ma jsellmulekx, ma jkellmukx, jgħoddsu rashom. Tagħmilx bħalhom. Sellem, tbissem u ħobb.***

- ***Kristu qed iħabbatlek permezz ta' nies li forsi weġġgħewk, sawtuk, gidbu fuqek. Dawn ukoll huma ħutek. Kellimhom,għinhom u ħobbhom.***

Jekk f'dan il-Milied li ġej inti jirnexxilek tiftaħ beraħ il-bieb ta' qalbek għal dawn in-nies, int tkun qed twelled mill-ġdid lil Kristu f'qalbek u f'qalbhom.

Taħseb int li ħaġa bħal din mhux ta' min jippruvaha?
Taħseb int li ħaġa bħal din ma tiswiex iktar minn elf kartolina imżejna b'kull kulur?

Taħseb int li ħaġa bħal din tiswielek ħafna? ma naħsibx.
Taf x'għandek bżonn?

**Ftit ta' rieda tajba**

**Għimgħa ta' Aġġornament Reliġjuż.**
**Mid-19 sal-24 ta' Novembru.**
***Konferenzier:***
***L-Arċipriet Emeritus Dun Ġużepp Borg Attard.***

**DONAZZJONIJIET:** Lm1 - J. Cilia, G. Galea, G. Gatt
50c - W. Debrincat, C. Farrugia, V. Gatt.

## Servizz Fil-Vatikan



Group ta' Abbatini Maltin din is-sena reġgħu marru l-Vatikan biex joffru servizz liturġiku fil-Bażilika ta' San Pietru matul il-vaganzi tas-sajf.

Fost dawn l-abbatini, li b'kollox kienu jgħoddu 31, kien hemm it-tfajjel George Azzopardi li jservi fil-Bażilika tagħna tagħna ta' San Ġorġ. George kien wieħed miż-żewġ abbatini Għawdxin li ġew magħżula biex imorru Ruma flimkien ma' shabhom l-abbatini Maltin. L-abbati l-ieħor huwa Brian Mejlaq minn Nadur.

Għat-tfajjel George Azzopardi ż-żjara tiegħu fil-Vatikan kienet esperjenza li ma jinsieha qatt! Minbarra li kellu l-okkażjoni li joffri s-servizz tiegħu għal diversi drabi fl-ikbar knisja fid-dinja, George messitu wkoll ix-xorti sabiħa li jiltaqa' darbtejn mall-Q.T. il-Papa Pawlu II, darba f'udjenza privata fil-ġonna tal-Vatikan (ara ritratt) u darb'oħra f'Castel Gandolfo.

Fl-ewwel okkażjoni George u shabu l-abbatini ġew regalati b'kuruna tar-Rużarju u ritratt tal-Madonna s-sewda ta' Czestochowa. Wara l-mawra ta' ħames ġimgħat li qatta' fl-Italja, George issa jinsab lura mill-ġdid fostna biex ikompli jservi fil-Bażilika tagħna b'aktar ħeġġa, entużjażmu u qdusija.

Żgur li l-isbaħ tifkira li ġieb miegħu minn Ruma hija l-fotografija li qed nirriproduċu hawn fuq, fejn George jidher ibus id il-Papa.

## INGHAQDU FIZ-ZWIEG NISRANI

| | |
|---|---|
| 25.8.84 | Margaret Xerri u Carmel Theuma |
| 8.9.84 | Maria Micallef u Bernard Muscat |
| 15.9.84 | Silvia Xuereb u Pawlu Caruana |
| 22.9.84 | Maria Borg u Ivan Caruana |
| 30.9.84 | Lina Xerri u Giovann Xuereb |
| 6.10.84 | Josephine Cefai u Joseph Rapa |
| 13.10.84 | Georgina Cassar u Raymond Mizzi |
| 28.10.84 | Josephine Mizzi u Frankie Cachia |

## DAHLU QABILNA FL-ETERNITA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9.8.84 | Maria Cefai | 21.9.84 | Joseph Bezzina |
| 9.8.84 | Marija Grech | 4.10.84 | Carmelo Buttigieg |
| 20.9.84 | Joseph Sultana | 8.10.84 | Vitorina Borg |

# BETLEHEM FIS-SNIN 135 - 325 A.D.

*minn Dun Lawrenz Sciberras M.A., S.S.L., S.Th.L., K.A.S.G.*

**Matul il-jiem kollha tas-sena, Betlehem issaħħar lil kull min iżurha; mhux biss iżda ċerta hena u sliem f'qalb il-pellegrin li jkollu x-xorti jmidd riġlejh biex jara, jisma' u jħoss il-ferħ li dak l-Għar Qaddis inissel fil-qalb tal-pellegrin. U meta jibda joqrob ix-xahar hekk imsejjah mill-antenati tagħna x-xahar tal-Milied, mingħajr ma rridu, niġru bil-ħsieb tagħna lejn Betlehem, fejn hemm ġo għar mudlam, għar li ma kien ta' ħadd u fl-istess ħin ta' kulħadd, twieled l-Iben t'Alla.**

**F'din il-kitba qasira tiegħi ser nipprova nuri x'ġara mill-Għar Qaddis ta' Betlehem mis-sena 135 sas-sena 325, li b'dispjaċir kbir ikollna ngħidu li kienu snin ta' dlamm sfiq għal Betlehem. Dan allura jfisser li wieħed irid jibda mill-imperatur Adrijanu.**

**Betlehem imġarrfa.**

Dan il-ħakem ruman, xejn ma kien kuntent bir-rebħiet kbar li kien għadu kemm għamel, tant li ħalef li jeqred u jġib fix-xejn kull sinjal li ma kienx jaqbel ma' Ruma. U biex mingħalih Adrjanu jirnexxi fil-ħsieb tiegħu, **l-ewwel:** kiteb Ruma fejn għarraf lis-senat ruman li kien ġa biddel l-isem tal-belt, u minn Gerusalemm, saret Aelja Kapitolina. **It-tieni:** Kemm fejn twieled kif ukoll fejn miet Kristu, Adrijanu bena żewġ tempji; dak ta' Betlehem wara li radam bil-ħamrija l-Għar Qaddis, wassal l-ilma u ħawwel ħafna siġar u ddedika dak il-ġnien-tempju lil Tammuz-Adone; fil-waqt li ġo Gerusalemm bena maqdes u ddedikah lil Venere u Giove. **It-tielet; Adrijanu keċċa l-barra mill-Art Imqaddsa lil Lhud kollha. Naturalment mal-Lhud kien hemm l-ewlenin insara. U hekk allura ġo Betlehem ġew joqgħdu bosta nies li xejn ma kien jimpurtahom mill-Għar Qaddis. Dan kollu beda jseħħ mis-sena 135.**

U għalhekk għal madwar 190 sena, jiġifieri mis-sena 135 sas-sena 325, l-Għar ta' Betlehem kien mirdum, ħadd ma seta' l-anqas biss imur iżuru. Madankollu kien hemm nies għorrief u qaddisin igħixu f'partijiet oħra tal-Palestina li bit-tagħlim tagħhom kif ukoll bil-kitba ħajja u ċara tagħhom semmew fejn twieled Kristu. Ix-xhieda ta' dawn in-nies hija ta' importanza enormi, għaliex għexu u mietu f'dawn il-mija u disgħin sena ta' dlamm u qtigħ il-qalb għal-Lhud Insara.



**L-ewwel kittieb nisrani li għex bejn is-snin 135 u 325 u li semma b'mod l-aktar ċar lil Betlehem u l-Għar, huwa San Gustinu Martri** Dan il-bniedem lhudi li miet fis-sena 165, kiteb bosta tagħrif ta' siwi kbir. F'wieħed mill-kotba tiegħu li jismu "Djalogu ma' Trifone" l-awtur isemmi l-Għar ta' Betlehem. "Meta t-tarbija twieldet f'Betlehem, billi ma kienx hemm post għalihom fir-raħal, Ġużeppi mar u **sab għar** fil-qrib. Fil-waqt li kienu hemm, Marija wildet lil Ġesù u poġġietu ġo maxtura".

Bniedem ieħor li ta tagħrif dwar fejn twieled Ġesù huwa l-għaref **Origene.** Dan Origene twieled ġo Alessandrija fis-sena 185, u fis-sena 216 mar igħix fil-Palestina. Origene jikteb: "Ġo Betlehem wieħed jiġi muri l-Għar fejn Hu (Ġesù)twieled, kif ukoll il-maxtura fejn Hu ġie imqiegħed fil-fsieqi. Dawn il-postijiet jafu bihom anke dawk li ma jħaddnux l-istess twemmin ta' fejn twieled Ġesù. Dawn huma l-istoriku **San Ewsebju** u l-biblista **San Gilormu.** Hekk per eżempju, San Gilormu fl-ittra tiegħu lil Pawlinu ta' Nola jgħidlu: "F'Betlehem imbagħad u li illum qiegħda f'idejna, kien hemm meqjum il-qabar ta' Tammuz-Adone; u fl-istess għar fejn darba Ġesu tarbija beka, l-pagani bkew għal Venus".

Dawn il-kitbiet kollha jaqblu bejnietom u jisħqu b'mod l-aktar ċar li tassew il-Għar Qaddis fejn twieled Ġesù kien ipprofonat u mirdum ħalli kif xtaq l-imperatur Adrijanu, tintesa kull tifkira ta' dak li għandu x'jaqsam ma' l-insara. Dan però ma jfissirx li l-Lhud Insara insew il-post fejn twieled

*jkompli f'paġna 5*



## Naħsbu fil-Mor

Ġeneralment kulħadd jieħ
matul il-ġranet tal-Milied, iż
li intom tafu li ftit jieħdu ħ
Ħaġa sabiħa li tagħti rigal l
isbaħ li tagħtu lil min tafu li
huma l-morda li m'għandh
Barra mir-rigal ċkejken li
ferm gost anki biż-żjara li ta
li m'humiex minsijin għal k



## Palazz vs Għar

Cesare Awgustu kien i
setgħana ta' Ruma. Ma kien
tmexxija tal-kbir Imperu R
Marija, il-mara tal-mastrud
kwiet ta' Betlem, mili 'l bog
Iben tagħha Ġesù.
Ftit żmien wara, il-qawwa ta
kellhom jiltaqgħu f'taqtigħa
nqered, l-Għar rebaħ u kib
Il-kobor t'Alla nħeba fix-
t'Alla, ippreferа l-Għar mill-
rgħajja mill-għonja, lil Mari
Aħna li nixtieqi nimxu war





a

ħsieb jagħti rigal lil xi ħadd
tinsewx tieħdu ħsieb xi morda
ħom.
in jagħtik, iżda hija ħaġa wisq
ux se jagħtikom lura, bħalma
x min jieħu ħsiebhom.
om teħdulhom, huma jieħdu
nlulhom, għax almenu jħossu
ox fid-dinja.



x fil-Palazz tiegħu, fil-Belt
nqsu xejn, però mħabbat bit-
an.
ka, ġo għar fqajjar fil-villaġġ
d, kienet qed tagħti lid-dinja l-

alazz u s-sempliċità ta' l-Għar
etta. Waqt li l-Palazz tfarrak u

ı ta' l-umanità. Ġesù l-Iben
azz, il-maxtura mis-sodda, ir-
mill-imperatriċi.-
esù, liema triq sejrin naqbdu?



# Il-MILIED MALTI TAS-SEKLU GĦOXRIN

*Kitba ta' PAWLU CACHIA*

Ħafna mill-bnedmin li kienu jgħixu qabel ma ġie Kristu fid-dinja kienu aktarx pagani u mogħtija biss għall-ħmerijiet. Il-kliem f'fommhom ma kienx ifisser għajr: "Nieklu u nixorbu, għax għada mmutu!" U dan kienu jwettquh b'għemilhom. Fi kliem ieħor, ħajjithom aktar kienet tixbaħ lil dik ta' bhima milli lil ta' bniedem mogħni bir-raġuni u r-rieda li ġġagħlu jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, dak li jibqa' minn dak li jtir mar-riħ qisu qatt ma kien xejn.

Twieled Ġesù, u d-dinja kisbet il-ħelsien tagħha. Id-dinja, b'tagħlim il-Feddej, inbidlet mil-lejl għannar u ħafna kienu dawk li meta semgħuh jitkellem fetħu fetħa għajnejhom u mxew fit-triq li wera hu. Iżda oħrajn baqgħu jistaħmu fit-tajn ta' l-injoranza u l-vizzjijiet, anzi aktar saddew widnejhom ħalli ma jsimgħux il-bxara t-tajba. Barra minn hekk, mill-banda l-oħra, hemm oħrajn li għadhom qatt ma semgħu bil-Messija, fil-waqt li oħrajn semgħu u jixtiequ lil min igħarrafhom aktar fuqu. B'xorti tajba, aħna l-Maltin, ngħoddu, ma' dawk li ħaddnu l-kelma ta' Kristu, għixuha u ħabbewha. Iżda maż-żmien kollox jindara, u aħna li ilna nsara mill-bidu nett ġralna l-istess ħaġa fi twemminna. Il-ħażin hu li ħafna minna lanqas biss għadhom jagħtu każ ta' dan.

Għalhekk il-Milied għal xi wħud sar ifisser biss bħala jum ta' tbaħrid u ġenn. Bosta ilhom qatiegħ jaħsbu fil-Milied mhux biex jersqu lejn Ġesù fil-jum ta' twelidu; iżda jaraw kif ser iqattgħu l-lejl qaddis fil-logħob u l-bluha jew kif ser idabbru xi sold barrani.

Ukoll ċertu tiżjin qed jirkeb id-drawwiet qaddisa tagħna. Il-"Christmas Tree" qed tieħu post il-presepju li dari kien l-għaxqa tal-familja Maltija. Il-kartolini li nibgħatu bir-rimi naghżluhom b'kull xbieha; iżda qajla li fihom dik ta' Ġesù Bambin. Dan hu sa fejn wasal l-ispirtu Malti tas-seklu għoxrin għall-Milied: festa ta' twelid ta' Kristu tlifnielha rasha u għamilnieha waħda pagana, kif bosta, li ma humiex insara, xtaqu jagħmluha.

Meta tara dan tħoss li Malta tilfet il-vera tifsira tal-Milied. Imnalla li għad baqa' xi tifkiriet bi spirtu nisrani fostna; għax kieku ma nafx fejn jasal u x'jibqa' mill-Milied Malti. Bħalissa qed tiġi quddiem għajnejja l-purċissjoni ta' Ġesù Bambin li jagħmlu l-membri tal-M.U.S.E.U.M. Din għadha hajja u xejn għadu ma ntiflef mis-sbuħija tagħha. L-istess nistgħu nghidu għall-prietka tat-tfajjel u l-quddiesa ta' nofs il-lejl li għadhom għall-qalb ta' bosta Maltin.

Jeħtieġ li aħna nerġgħu nqajmu daqsxejn ta' interess reliġjuż f'din il-festa u mhux inhallu salt drawwiet pagani jindeħsu magħna bħallikieku xejn, biex b'hekk is-seklu ghoxrin ma jkunx ta' tebgħa kerha fuq il-wirt li ħallewlna dawk ta' qabilna.

Jalla l-Milied ta' din is-sena jkun ta' ċaqliqa biex il-Maltin jerġgħu jaghtuh il-vera tifsira tiegħu!

*(Mehud minn "Il-Polz")*

*jaqbad minn paġna 4*

Ġesù; xejn minn dan.

**Elena u Kostantinu.**

Kienet is-sena 325, meta f'Nicea kien qiegħed isir Konċilju Ekumeniku biex jiddefendu it-taghlim qarrieq ta' Arju. U fost it-300 isqof li ħadu sehem, kien hemm ukoll l-Isqof San Makarju ta' Gerusalemm. Personaġġ ieħor importanti li ha sehem f'dan il-Konċilju kien l-imperatur nisrani Kostantinu flimkien ma' ommu l-imperatriċi S. Elena. L-Isqof Makarju induna li issa wasal il-mument tajjeb biex jitlob l-għajnuna ta' l-imperatur innifsu u jurih f'liema stat miżeru kienu jinsabu l-postijiet imqaddsa.

**Kemm l-imperatur Kostantinu, kif ukoll ommu Elena, marru jżuru l-Art Imqaddsa u meta dawn raw il-profanazzjoni ta' dawn il-postijiet sagri fosthom l-Ghar ta' Betlehem, l-imperatur għamar li jitnehħa dak il-bini bis-siġar li kien waqqaf il-predecessur tiegħu Adrijanu. U hekk allura l-Għar Qaddis li għal dawk is-snin kollha kien mirdum, issa tnaddaf, issa reġa għall-istat oriġinali li kien qabel. Kien mument kbir għal Betlehem, mument li jibqa' miktub fl-istorja, ghaliex għalhekk ġew żmenijiet koroh fuq l-Art Imqaddsa, però dan l-Għar qatt aktar ma ġie mirdum u magħluq għall-qima ta' l-insara.**

Fuq l-Għar, Kostantinu bena l-ewwel bażilika tiegħu, maqdes deħen lil dak il-post qaddis. Minn ġewwa, din il-bażilika kellha ħames navati u waħda kienet mifruda mill-oħra permezz ta' kolonni kbar ta' materjal ħamrani. Il-pjanta ta' din il-knisja saret b'mod li l-presbiterju jiġu preċiż taħt l-Għar Qaddis, anzi l-arkitett tal-knisja kien ħalla toqba mdaqqsa biex minn fuq, wieħed seta' jara faċilment il-Għar fejn twieled Ġesù Bambin.

**Forsi mhux kulħadd għandu x-xorti li jżur il-Betlehem, jew Dar il-Ħobż, u l-maxtura li Ġesù tqiegħed ġo fiha. Iżda Ġesù għadu ħobż għalina fl-Ewkaristija u kulħadd mhux biss jista' iżda għandu jagħmel kull ma' jista biex jirċievi lil Ġesù ħobż ħaj fis-sider tiegħu.**

Fix-xahar t'Ottubru l-għaqda tan-nisa tal-Parroċċa tagħna, magħrufa aħjar bħala LADIES SOCIETY, għalqet sena mit-twaqqif tagħha. Din l-għaqda twaqfet bil-għan li torganizza attivitajiet reliġjużi, kulturali, soċjali u rikreattivi għall-membri nisa tal-komunità parrokkjali tagħna, kif ukoll attivitajiet ta' "fund raising' b'risq il-Bażilika ta' San Ġorġ. Nistgħu ngħidu li bil-ħidma tal-Kumitat organiżżattiv dawn l-għanijiet kollha ntlaħqu u f'kull xahar tas-sena li għaddiet saru attivitajiet li għalihom kien hemm konkorrenza kbira.

Imma forsi l-quċċata tax-xogħol tal-Ladies Society intlaħqet fil-jiem ta' qabel u ta' matul il-festi ċentinarji ta' San Ġorġ f'Lulju li għadda. Għadd sabiħ ta' membri taw is-sehem tagħhom biex il-Bażilika u ċ-Ċentru Parrokjali jkunu mhux biss nodfa imma wkoll ordnati u mżejna b'purtieri, għamara u ward, kif kien jixraq f'din l-okkażjoni. Is-Soċjetà ħasbet ukoll biex l-istatwa ta' San Ġorġ u r-Relikwija Mirakoluża jkunu mżejna b'bukketti ta' ward mill-isbaħ matul il-ġranet kollha tal-festa. Kienet ukoll il-Ladies Society li ħasbet għar-riċevimenti kollha li saru fiċ-Ċentru u fl-Awla Kapitulari għall-mistednin distinti li ħadu sehem fil-festi straordinarji ta' din is-sena.

Issa, wara li għadda s-sajf, il-Kumitat tal-Ladies Society diġà ħajja programm ta' attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin. L-attivitajiet ta' din is-sena 1984/85 fetħu b'Laqgħa Speċjali ta'

*Ir-Rokna tal-LADIES SOCIETY*

# GĦALAQNA SENA

Talb għall-bżonnijiet ta' pajjiżna li saret fil-Bażilika nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru fis-2.p.m. Din il-laqgħa nfetħet b'Quddiesa mmexxija miċ-Chaplain tas-soċjetà, Fr. Joseph Farrugia, u tkompliet bir-Rużarju meditat u Barka Sagramentali. Għal din il-Laqgħa kien hemm konorrenza tassew kbira mhux biss mill-membri nisa tal-parroċċa imma wkoll minn insara oħra li ħassew il-ħtieġa li jingħaqdu f'dan it-talb li għalih ġiet organizzata l-adorazzjoni.

***L-Ewwel Attivita li l-Għaqda bdiet diġa' taħseb biex torganizza huwa l-Christmas Bazaar, li ser jinżamm b'data li titħabbar aktar il-quddiem.***

**Il-Ladies Society qed taħdem bis-sħiħ biex dan il-Bazaar ikollu is-success li kellu dak tas-sena l-oħra.**

L-għaqda ċertament tapprezza l-koperazzjoni ta' dawk kollha, l-aktar nisa, li jistgħu jagħtu xi ftit mill-ħin tagħhom b'risq il-Parroċċa tagħna.



## NILTAQGĦU NHAR

**NOVEMBRU:**

**Ħamis 1**
Sollennità tal-Qaddisin Kollha

**Ġimgħa 2**
Tifkira Sollenni tal-Fidili Mejtin Kollha

**Tnejn 5**
Konċelebrazzjoni għas-Saċerdoti u Benefatturi Mejtin ta' din il-Bażilika fis-6.00 p.m.

**Ġimgħa 9**
Konsagrazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran.
Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-5.30 p.m.

**Ħadd 25**
Sollennità ta' Kristu Rè.

**DIĊEMBRU:**

**Il-Ħadd 2**
L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent. Quddiesa bil-priedka fl-4.00p.m.

**Is-Sibt 8:**
Sollennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Konċelebrazzjoni Sollenni fis-6.00p.m.

**Il-Ħadd 9:**
It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent. Quddiesa bil-priedka fl-4.00p.m.

**Il-Ħadd 16**
It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent. Quddiesa bil-priedka fl-4.00 p.m. Tibda n-Novena tal-Milied. Fis-6.00 p.m. Quddiesa bil-priedka tan-Novena.

**Il-Ħadd 23:**
Ir-Raba' Ħadd ta' l-Avvent. Quddiesa bil-priedka fl-4.00p.m.

**It-Tnejn 24**
Lejliet il-Milied. Fil-11.30p.m. Purċissjoni bil-Bambin, Kant ta' Salmi u Konċelebrazzjoni Sollenni ta' Nofs il-Lejl.

**It-Tlieta 25**
Il-Milied Imqaddes. Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-4.00p.m.

**It-Tnejn 31:**
Festa ta' San Silvestru I, Papa, Fundatur tal-Lateran.
L-Aħħar tas-Sena. Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali u Kant tat-TE DEUM. Jiffunzjona Mons Isqof N. Cauchi.



## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 18.8.84 | ROSALIE, bint Frank Camilleri u Helen neè Rapa. |
| 28.8.84 | JAKE, iben Richard Ellis u Georgina neè Cassar |
| 2.9.84 | CHARLTON, iben Joseph Debono u Doreen neè Bugeja. |
| 8.9.84 | THESEMEL, bint Carmelo Gallo u Marthese neè Vella. |
| 9.9.84 | ROSEANNE bint Carmelo Zammit u Connie neè Azzopardi. |
| 15.9.84 | GEORGESAM, iben Mario Mizzi u Liliana neè Fenech. |
| 16.9.84 | RUBEN, iben Anton Formosa u Maria Teresa neè Galea |
| 29.9.84 | RUMUNA RITA, bint Peter Paul Sultana u Giovanna neè Mercieca |
| 30.9.84 | MARY GRACE bint Joe Schembri u Mary Dolores neè Curmi. |
| 3.10.84 | LORNA, bint Carmelo Sacco u Maria neè Piscopo |
| 7.10.84 | CHRISTINE, bint Charlie Gauci u Maria neè Formosa. |
| 13.10.84 | CHARMAINE, bint George Cremona u Maria neè Mintoff. |

# Werrej Ġenerali ta':
# Il-BAŻILIKA PROTO-PARROKKJALI S. ĠORĠ MARTRI
## *Ħidma-Storja-Tagħrif No.1 (1975) - No. 7 (1981)*
*u*
# IL-BELT VICTORIA
## *Rivista Maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ No. 1 (1981) - No. 21 (1984)*

## Wara Għaxar Snin ta' Pubblikazzjoni

**ANONIMU**
**Il-Pittur tal-Bażilika: Giambattista Conti,**
IL-BAŻILIKA, nru 6 (1980), pp.23-5
**San Ġorġ tal-Mattia. Il-Kwadru Titulari tal-Bażilika,**
IL-BELT VICTORIA, nru 7 (Lulju-Awissu 1982), **p.8.**
**"F'Riġlejn il-Madonna ta' Fatima, fi Pjazza San Pietru: Il-Papa jitlob għad-Dinja.**
IL-BELT VICTORIA, nru. 18 (Mejju-Ġunju 1984), p.1.
**San Ġorġ Suldat Qalbieni u Rebbieħ ta' Kristu",**
IL-BELT VICTORIA, Nru 18 (Mejju-Ġunju 1984), pp.3, 5
**Il-Wasla ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ f'Għawdex fl-1841,**
IL-BELT VICTORIA nru 19 (Lulju-Awissu 1984), p.13.
**Investitura ta' Kavallieri,**
Il-BELT VICTORIA, nru 20 (Settembru-Ottubru 1984), p.7.

**AQUILINA, Ġuże,**
**Id-Divorzju: Sfida Diretta kontra Ġesù Kristu",**
IL-BELT VICTORIA, nru 12 (Mejju-Ġunju 1983), pp.4-5

**ATTARD, Joe M.**
**Il-Megalomartri San Ġorġ. F'Egħluq is-17-il Mitt sena minn Twelidu",**
IL-BELT VICTORIA nru 19 (Lulju-Awissu 1984), p.14.

**BALBONI, Dante**

**ZAMMIT, George,**
**San Ġorġ fit-Tradizzjoni u fl-Istorja".**
IL-BELT VICTORIA nru. 14 (Settembru-Ottubru 1983), pp.4-5

**BEZZINA, John,**
**Il-Knisja ta' San Ġorġ Qabel u Matul il-Ħakma Għarbija.**
**Ir-Rit Gallikan,**
Il-BAŻILIKA no 1(1975), pp.33-40
**Il-Patroċinju ta' San Ġorġ,**
IL-BAŻILIKA no 2 (1976), pp. 23-8
**Fejn San Ġorġ**
**IL-BAŻILIKA no 3 (1977), pp.30-3**
**Il-Bini tal-Knisja ta' San Ġorġ 1506-1678**
IL-BAŻILIKA no 4 (1978), pp.17-25, 28-40
**Il-Popli t'Għawdex Riedha il-Knisja tiegħu",**
IL-BAŻILIKA, no 5 (1979), pp.34-7
**Il-Parroċċa ta' San Ġorġ Ċentru ta' Ħajja Nisranija,**
IL-BAŻILIKA, no 6 (1980) pp.32-5
**Il-Kult ta' San Ġorġ f'Għawdex**
IL-BELT VICTORIA, nru 19 (Lulju-Awissu 1984), pp.4, 13

**BORG, Anton,**
**Il-Familja: Komunita ta' Persuni,**
IL-BELT VICTORIA, nru 11 (Marzu-April 1983), pp.4-5

**BORG. Karm.**
**Iċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna Ta' Pinu,**
IL-BELT VICTORIA nru 10 (Jannar-Frar 1983), p.8.

**BORG, Salv,**
**Ħsebijiet u Tifkiriet: 'Rajt Tnejn Jitkellmu f'Ċella"**
Il-BELT VICTORIA nru 16 (Jannar-Frar 1984), p.1.

**BUTTIGIEG, Peter Paul,**
**X'Nifhem b'Parteċipazzjoni?**
IL-BELT VICTORIA nru 18 (Lulju-Awissu 1983), pp.6-7

**CACHIA Pawlu,**
**Il-Milied Malti tas-Seklu Ghoxrin,**
IL-BELT VICTORIA Nru 21 (Novembru-Diċemrbu 1984), p.5.

**CARUANA, Charles**
**Meta f'Ħajti Hemm l-Imħabba**
IL-BELT VICTORIA nru 16 (Jannar-Frar 1984) p.5.

**EMINYAN, M.,**
**Ix-Xjuh u l-Familja,**
IL-BELT VICTORIA nru 9 (Novembru-Dicembru 1982) pp.4, 6.

**FARRUGIA, Joseph,**
**Madwar Elf u Seba' Mitt Sena Ilu. . .**
Il-BELT VICTORIA nru 16 (Jannar-Frar 1984), pp.3-4.
**Il-Miġja fostna minn Ruma tar-Relikwija ta' San Ġorġ,**
IL-BELT VICTORIA, nru 19 (Lulju-Awissu 1984), pp.6-7

**FENECH ALDO**
Favur jew Kontra ż-Żgħażagh
IL-BELT VICTORIA nru 18 (Mejju-Ġunju 1984) p.5.

**FRIGGIERI,Oliver,**
**Sehem Għawdex fil-Kultura Nazzjonali**
IL-BELT VICTORIA nru 4 (Jannar-Frar 1982), pp.4-5.

**GALEA, Joseph,**
**San Ġorġ u l-Kavallieri,**
IL-BAŻILIKA no 3 (1977), pp.24-6.

**GANADO, W.,**
**Iċ-Ċens fuq l-Art ta' l-Isptar ta' Għawdex,**
IL-BAŻILIKA, no 3 (1976) pp. 15-22.

**GAUCI, Giovanni,**
**Iż-Żwieġ Nisrani**
IL-BELT VICTORIA, nru 8 (Settembru-Ottubru 1982), pp 4-7.

**GAUCI, Ġużeppi,**
**San Ġorġ fil-Folklore,**
IL-BELT VICTORIA nru 17 (Marzu-April 1984) p.5.

**GRECH Alfred,**
**It-Twettiq tal-Ġustizzja**
IL-BELT VICTORIA, Nru 21 (Novembru-Diċembru 1984) p.2.

**MEJLAK, Joe,**
**Georgius Natus Est**
**Lil San Ġorġ Martri Ġmiel u Ġawhra: 2 Poeżiji**
IL-BELT VICTORIA nru. 19 (Lulju-Awissu 1984), p. 16.

**MERCIECA, Benny,**
**Trobbija u Edukazzjoni Nisranija,**
IL-BELT VICTORIA, nru 15 (Novembru-Dicembru 1983), p.3.

*jkompli f'paġna 8*

# L-IMMAKULATA



Privileġġ kbir li hu għal qalb Marija ħafna; Immakulata, Marija stess riedet turi kemm trid li nonorawha u nferrħuha permezz ta' din il-grazzja li sabet quddiem Alla.

Fl-1830 il-Madonna dehret lil Santa Katerina Labourè u ħeġġitha biex tibda d-devozzjoni lejn id-Domna Mirakoluża. Hija talbitha li fuqha jkun hemm il-kelmiet: "O Marija mnissla mingħajr ħtija, idħol għalina li nirrikorru lejk".

Fl-1858, inqas minn erba' snin wara l-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata, Marija dehret liċ-ċkejkna Santa Bernardina Soubirous ġewwa Lourdeş. "Min int?" staqsietha Bernardina. "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni". Nitolbuha lill-Madonna: O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlagħlna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija.

Xieraq li nharsu kif jixraq il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li ser tiġi ċċelebrata fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria, nhar is-Sibt 8 ta' Diċembru.

## *Din Għalikom Tfal*

*Għeżież tfal,*

*Kif intħom? Illum xtaqt ngħidilkom daqsxejn ta' storja. Darba kien hemm raġel fi knisja li għadda b'siġġu fil-għoli, u waqt li kien għaddej, laqgħat bih lil waħda mara li kienet qegħda tgħid ir-rużarju bid-devozzjoni kollha. Il-mara tant ħaditha bi kbira li bdiet tgħajjar lil dak ir-raġel b'dak kollu li ġieha fi lsienа.*

*Saċerdot, li dak il-ħin inzerta kien qiegħed iqarar semagħha u ħareġ jittawwal.*

*"Xi ġralek, Cett?" Staqsieha.*

*"Rajt x'daqqa ta' siġġu lagħbli fuq rasi? Jgħaddi qiesu skantat!" weġbitu Cetta.*

*"Iva rajtu, u anke lilek smajtek x'erba' kelmiet għidtlu! Isma' Cett, int x'kont qed tagħmel meta qlajt id-daqqa?"*

*"Kont qiegħda ngħid ir-Ružarju, ara",*

*"Għidtha l-'qaddisa'?"*

*"Da żgur li għidtha!"*

*"Halli nara: erġa' għidha!"*

*"Qaddisa Marija Omm Alla, itlob għalina, midinbin. . ."*

*"Żomm. Ieqaf hawn. X'għidt? Midinba?"*

*"Mhux kulħadd midneb?" staqsietu Cetta*

*"U bħala midinba x'ħaqqek? Mhux daqqa ta' siġġu fuq rasek?!"*

*Il-mara siktet u t-tagħlima ta' dak is-saċerdot ħaditha mill-ewwel.*

*Qegħdin taraw tfal? X'nitgħallmu minn din l-istorja? Li aħna lkoll ħaqqna kastig mingħand il-Bambin għaliex lkoll midinbin u lkoll noffenduh bi dnubietna!*

*Sakemm nerġgħu niltaqgħu. . . tata'.*

**Iz-Ziju Peppi**

**MERCIECA E.,**
**Insellmu lill-Mons Mikiel Cefai, Vigarju Ġenerali,**
IL-BELT VICTORIA nru 4 (Jannar-Frar 1982), p.8.

**MIZZI, Egidju,**
**San Gorg Kolleġġjata**
IL-BAŻILIKA no 3 (1977) pp.14-20

**RAPA, E.,**
**Is-Sigaretti u l-effetti tagħhom.**
IL-BELT VICTORIA nru 10 (Jannar-Frar 1983), pp.4-5

**SCHEMBRI, Paul,**
**Ir-Randan - veru Żmien Sabiħ!**
IL-BELT VICTORIA nru 17 (Marzu-April 1984), p.1.

**SCIBERRAS, Lawrenz,**
**Marija fix-Xahar ta' Mejju,**
IL-BELT VICTORIA nru 6 (Mejju-Ġunju 1982) 5/6
**Knisja Qadima Ddedikata lil S. Ġorġ fin-Nebo,**
Il-BELT VICTORIA nru 17 (Marzu-April 1984), p.7.
**Betlehem fis-snin 135-325 A.D.**
IL-BELT VICTORIA no 21 (Novembru-Diċembru 1984) p.4

**SCICLUNA, George,**
**Il-Kwadru Titulari fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ Martri**
**IL-BAŻILIKA no 1 (1975) pp.41-5**

**VELLA APAP, Nikol,**
**Il-Ġrajja tal-F ratellanzi tal-Bażilka ta' San Ġorġ bl-Artali tagħhom,**
IL-BAŻILIKA no 1 (1975) pp.9-14

**Il-Kwadri Laterali tal-Kor fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ,**
IL-BAŻILIKA no 2 (1976) pp. 29-32
**Eghluq it-Tletin sena mill-Inawgurazzjoni tal-Koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ.**
IL-BAŻILIKA no. 6 (1980), pp. 26-9.
**Il-Qima lejn San Gejtano minn Thiene fil-Bażilika ta' San Ġorġ,**
IL-BAŻILIKA no 7. (1981)
**Il-Konsagrazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ,**
IL-BELT VICTORIA nru 2 (Settembru-Ottubru 1981) pp.1-2
**Il-Kurċifiss Devot u Mirakoluż,**
IL-BELT VICTORIA nru 5 (Marzu-April 1983) p.8.
**Drawwiet tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat,**
IL-BELT VICTORIA, nru 11 (Marzu-April 1983), p.3.
**San Ġorġ Magalomartri bħala Patrun u Protettur,**
Il-BELT VICTORIA nru 19 (Lulju-Awissu 1984), p.10.

**ZAMMIT, Ġorġ,**
**Mattia Preti u l-Kwadru Titulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ,**
Il-BAŻILIKA no 5 (1979) pp. 28-33

**ZAMMIT CIANTAR J.,**
**L-Ismijiet tal-Postijiet u s-Seħer tagħhom**
IL-BELT VICTORIA nru 5 (Marzu-April 1982), pp. 4-5
**Toponomastika: Victoria jew Rabat?**
IL-BELT VICTORIA, nru 6 (Mejju-Ġunju 1982),

*Lista miġbura minn Ġwann Azzopardi, S.J.*

A & M Printing Ltd. Qala - Gozo. Tel:553217